## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Ġunju 2016

Talba Numru: 57/2016NHV

Numru fuq il-Lista:

**Associated Marketing Limited**
(C16629)

**vs.**

**Joseph Azzopardi**
K.I. 200963 (M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-22 ta' Frar 2016, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' erbat'elef erba' mija u disgha u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€4,459.01), liema ammont huwa rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut, merkanzija bl-iskop li l-konvenut ibiegħ l-istess mill-ħanut ġestit minnu bl-isem ta' "Ahead Technologies" u "Ahead Stationers".

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fit-8 ta' Ġunju 2016.

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2016, sar pagament ta' €3,000 kontanti mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi, u li għaldaqstant l-istess soċjeta` attriċi rriduċiet it-talba b'dan l-ammont sabiex b'hekk l-ammont minnha pretiż niżel għas-somma ta' elf, erba' mija u disgha u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€1,459.01).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi somma oħra ulterjuri ta' elf Ewro (€1,000) li tkun pagament għas-saldu f'dak li jirrigwarda s-sorte u l-imgħaxijiet pretiżi mis-soċjeta` attriċi. Dan il-pagament, skond l-istess ftehim, għandu jsir mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi fi żmien sitt xhur mill-udjenza.

Ra illi dwar il-kap tal-ispejjeż il-partijiet ma laħħqu ebda ftehim u sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kap tal-ispejjeż.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, hija fehma tat-Tribunal li l-konvenut kien diġa interpellat saħansitra bi-ittra uffiċċjali, sabiex iħallas dak minnu dovut, liema debitu jmur lura għal Marzu 2012. Illi għaldaqstant din il-kawża u l-mandat ippreżentat kontestwalment setgħu ġew faċilment evitati kieku l-konvenut resaq għall-ftehim mas-soċjeta` attriċi qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri. Ikkunsidra wkoll illi s-soċjeta` attriċi diġa kkonċediet riduzzjoni tas-sorte ta' erba' mija u disgha u ħamsin Ewro u ċenteżmu (€459.01), kif ukoll iktar minn erba' snin ta' imgħax. Illi għaldaqstant is-soċjeta` attriċi m'għandhiex tbati wkoll l-ispejjeż.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ftehim milħuq bejn il-partijiet, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta' elf Ewro (€1000), liema somma għandha titħallas sat-22 ta' Diċembru 2016.

L-imgħax legali jiddekorri mit-22 ta' Diċembru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, jkunu a karigu tal-konvenut u jitħallsu wkoll sat-22 ta' Diċembru 2016.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur